**L-imġewwaħ**

Mhux min bla ikel
Huwa l-imġewwaħ,
Jista' ikun dak li
Dejjem inewwaħ.

Għax dejjem irid
Popolarità,
Imbagħad għemilu
Kollu krudeltà.

Jgħawweġ prinċipji
Basta jkun magħruf,
Igħir daqs tazza ilma
Jidher bħall-ħaruf.

Ittendi ħija
Dak frottu qares,
Lejh biss qed jiġbed
Jistiednek: "Ħares!"

"Le! Lejk ma nħarisx!
Qalbek kif twebbset?
Għax insejt min int?
Insejt min ħelsek?

Ftakar li dad-dawl
Xi darba għad jgħib,
Bħalma din ħajtek
Tista' tgħid u tgħid.

Tgħallem nitolbok
Naqra umiltà,
W kelmtek tinfeda
B'ħafna karità.

Insa għal kollox
'l-kompetizzjoni,
Servizz qed tagħti
Din il-lezzjoni.

Titqarrax ħija
Ix-xitan hekk jrid,
Iġagħlek temmen
Li int tagħmlu l-ġid.

Mhux hekk il-Bibbja
Tgħid fuq dil-ħaġa,

Alla l-ġid jagħmlu
Strument int, nagħġa.

Ħalli mela r-r’għaj
Jieħu l-ewwel post,
Tisraqlux ġieħu
Nitolbok tkunx tost.

U issa iskot
Tibqax tintefaħ,
Daqshekk paroli
Tkunx le imġewwaħ.

Patri Mario Attard OFM Cap
21 ta' Marzu 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.